**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum, 24 ta' April 2019**

**Kawża Numru: 407/11**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Ivan Camilleri**
**(ID 504370(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Ivan Camilleri**, ta' 40 sena, iben Joseph u Giulia nee` Caruana, imwieled il-Pieta` nhar il-25 ta' Novembru 1970, u residenti 21, Sylivan, Triq il-Ħidma, Paola, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 504370(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-8 ta' Mejju 2011 u fit-tlett xhur ta' qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga Kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenżja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien

awtorizżat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

c) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Talli ukoll fl-istess ċirkostanzi ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta'Malta;

e) U fl-aħħarnett talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, Maġ. Dr. Lawrence Quintano LL.D. datata 22 ta' Marzu 2010 u oħra mogħtija mill-Maġ. Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. datata 2 ta' Frar 2011, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016, il-partijiet eżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa tisma' l-provi li nstemgħu sa dakinhar minn din il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar it-8 ta' Mejju 2011, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga esegwew mandat ta' tfittxija fil-konfront ta' l-imputat odjern, ġewwa St. George's Football Club, Bormla, liema klabb kien ġestit mill-istess imputat. Skont PC 760 Christopher Saliba ossia wieħed mill-uffiċjali tal-pulizija li esegwew din it-tfittxija, f'kamra li tintuża bħala *store*, fuq in-naħa ta' ġewwa tal-*bar*, instabu żewġt iqratas b'sustanza suspettata kokaina li kienu ġo żewġ bottijiet tal-plastik, kif ukoll xi biċċiet tal-boroż tal-plastik. Da parti tiegħu, PS 579 Antoine Micallef jgħid illi fil-ħin tat-tfittxija, l-imputat odjern kien qed jiftaħ il-*bar*. Għamlu tfittxija fl-i*store*, li kien imsakkar biċ-ċwievet, u minn fuq il-ħoġor tat-tieqa elevaw tazza tal-plastik li kien fiha żewġt iqratas. Jgħid illi l-imputat kien il-*barman* u kellu fil-pussess tiegħu ċ-ċwievet tal-bieb tal-i*store*. Jispjega wkoll illi kien hemm preżenti kemm l-imputat kif ukoll lavrant, iżda ċ-ċwievet kienu jinsabu għand l-imputat u illi dak il-ħin l-imputat kien

għadu qed jiftaħ il-*bar* u għalhekk ma kienx hemm terzi persuni. Il-lavrant wasal ftit wara.[1] L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva dakinhar stess, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[2]

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, nominat bħala espert f'dawn il-proċeduri, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* kannella mmarkat bħala S/B/252/2012 li kien fih *evidence bag* bin-numru S00084669 u li dan kien jikkontjeni s-segwenti: (1) Borża tal-plastik trasparenti li fiha (i) karta bil-kliem Data 8/5/11 Hin 11:30am Elevat/i minn fuq tieqa Football Club Bormla fil-presenża ta' Ivan Camilleri minn PS579, PC760 u (ii) borża tal-karti li fiha biċċiet tal-plastik trasparenti; (2) Tazza tal-plastik ta' lewn abjad bil-kliem PEPSI li fiha (i) karta bil-kliem Data 8/5/11 Hin 11:30am Elevat/i minn fuq tieqa minn kamra mill-club ta' Football ta' St. George's, Bormla fil-presenza ta' Ivan Camilleri minn PS579, PC760 (ii) biċċa ċaruta u (iii) żewġ biċċiet tal-plastik trasparenti li fihom sustanza ta' lewn safrani.

Skont il-konklużjonijiet tal-istess espert, fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn isfar fid-dokument fuq imsemmi, instabet is-sustanza kokaina. Il-piż total tat-trab kien ta' 1.04 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 25%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Xehed ukoll minn jeddu l-imputat Ivan Camilleri, li wara li nqratlu l-istqarrija rilaxxjata minnu u mistoqsi jekk riedx iżid xi ħaġa magħha, jgħid illi huwa kien jixtri d-droga u li kien jaqsamha u jikkonsmaha ma' xi ħbieb tiegħu wara li jagħlaq il-*bar*. Huwa jsostni illi huwa ma kienx jiġbor flus bi qliegħ, li kien jiġbor ammont żgħir biex iġib l-ispejjeż u dan għax kellu problema ta' flus. Jispjega li huwa kien jiġbor biss dawk il-flus li jkun ħareġ, biex iġib xi ħaġa mill-ispejjeż tad-droga. Mistoqsi x'kien jagħmel bi gramma, jgħid illi kien jiġbor nofs il-prezz tagħha, fil-waqt illi n-nofs l-ieħor kien jieħdu hu. Nofs minnhom kienu jieħdu ma' sħabu waqt li kienu jkunu flimkien. Dan ma kienx isir ta' kuljum, iżda f'xi okkażżjonijiet bħal festa, għalkemm imbagħad jgħid ukoll illi dan seħħ fil-perjodu ta' "*dawn ix-xahrejn*" u li f'dan il-perjodu dan sar xi tliet darbiet. Qatt ma marru xi ħbieb biex jinqdew mingħandu u telqu bid-droga u b'kollox kienu jkunu xi tlieta jew erbat iħbieb.

---

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Victor Aquilina, a fol. 8 sa 10 tal-proċess, ix-xhieda ta' PC 760 Christopher Saliba, a fol. 18 u 19 tal-proċess u x-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef, a fol. 33 sa 35 tal-proċess.

[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 11 u 12 tal-proċess.

Xehed ukoll Patrick O'Shea fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013 u dan fis-sens illi huwa kien ilu jaf lill-imputat xi erba' snin għax kien imur il-każin u jieħu birra mingħandu. Jikkonferma li huwa ġieli inzerta fil-ħanut wara li dan jagħlaq u l-imputat jkun qed jisbarazza u li f'dak il-ħin kienu jieħdu *drink* u anke kokaina ġewwa l-*bar*.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif jirriżulta mit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża m'hijiex tikkontesta l-pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina, minkejja li ma ġietx reġistrata ammissjoni formali, iżda qed tikkontesta l-imputazzjonijiet ta' traffikar u pussess aggravat tal-istess droga u dan fis-sens illi skont id-difiża dan kien każ ta' traffikar *by sharing*.

Fl-ewwel lok il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammisibbilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Dwar dan il-punt, fit-trattazzjoni finali tagħha, minkejja li stqarret illi għandha dubji dwar l-ammissibilita` ta' din l-istqarrija bħala prova in vista tal-ġurisprudenza dwar dan il-punt, fl-istess waqt id-difiża sostniet ukoll illi jista' jkun il-każ li tistrieħ fuq din l-istqarrija kemm il-darba tqum din il-ħtieġa wara s-sentenza odjerna u għaldaqstant iddikjarat li ma kinitx qed tirrinunzja għal tali stqarrija.

Illi jirriżulta mill-atti illi din l-istqarrija ġiet rilaxxjata mill-imputat nhar it-8 ta' Mejju 2011 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Naturalment, l-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt dan l-interrogatorju stante illi tali dritt ma kienx viġenti fiż-żmien in kwistjoni. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu.

Imbagħad, fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi

Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

F'dan il-każ, minkejja d-dikjarazzjoni tad-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha kif fuq indikat, din il-Qorti tqis illi l-istqarrija odjerna hija inkriminanti u ċertament ta' preġudizzju għall-imputat, b'dan għalhekk illi kemm il-darba l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni din l-istqarrija, din sejra definittivament ikollha impatt fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri u għalhekk fuq l-eżitu tal-istess. Fid-dawl tas-sentenzi fuq ċitati, il-Qorti tqis illi ma tistax tagħmel użu mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, bir-riskju li tinkorri f'irregolarita` jew li tkun kompliċi fi ksur tal-jedd tal-imputat għal smiegħ xieraq u konsegwentement, qed tqis tali stqarrija bħala inammissibbli u qed tiskarta wkoll, bħala inammissibbli, kwalunkwe referenza għal tali stqarrija.

Irid jingħad ukoll illi fil-proċeduri odjerni, wara li d-difiża qrat l-istess stqarrija kelma b'kelma lill-imputat meta huwa għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda, saret lill-imputat is-segwenti domanda mid-difiża:

*"Mela din hija l-istqarrija li inti rrilaxxajt mal-Ispettur Aquilina. Issa hemm xi ħaga li inti tixtieq iżżid ma din l-istqarrija? Mela inti l-ispettur għidtlu hekk, għidtlu, "f'dawn l-aħħar xahrejn begħhejt xi għaxar grammi b'kollox u niġbor ħamsa u għoxrin euro ta' nofs gramma". Mela, jekk jogħġbok spjega eżattament x'kien qed jiġri."*[3]

Il-Qorti tinnota illi l-imputat, fl-ebda parti mix-xhieda tiegħu ma jikkonferma, b'mod ġeneriku, il-kontenut ta' l-istqarrija tiegħu. Għal kuntrarju huwa ċar illi huwa ħa l-pedana tax-xhieda u għażel li jixhed in sostenn tad-difiża tiegħu illi t-

---

[3] Ara a fol. 39 tal-proċess.

traffikar li bih huwa ġie mixli kien traffikar hekk komunement imsejjaħ *'by sharing'*. Filwaqt li ma hemmx dubju illi l-imputat xehed minn jeddu fuq domandi li sarulu mill-avukat ta' fiduċja tiegħu u li għalhekk dak li ddepona huwa ammissibbli bħala prova għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, il-kontenut tal-istqarrija tiegħu hija fi kwalunkwe każ inammissibbli ġialadarba huwa ma kkonfermax il-kontenut tal-istess. Kien ikun mod ieħor, fil-fehma tal-Qorti, li kieku l-imputat għażel, di *sua sponte* jew fuq domanda tad-difiża, li jikkonferma l-istqarrija tiegħu, iżda dan l-imputat baqa' ma għamlux.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi r-reati ta' traffikar u ta' pussess aggravat huma separati u distinti wieħed mill-ieħor. Huwa evidenti pero` illi bejn iż-żewġ reati teżisti affinita` u fil-waqt li l-element komuni huwa li f'entrambi ż-żewġ reati, id-droga ma tkunx intiża sabiex tiġi kkunsmata mill-pussessur tagħha, fil-każ tal-pussess aggravat il-prova hija konsistenti fil-prova tal-pussess u taċ-ċirkostanzi li jixhdu l-fatt li d-droga ma kinetx intiża għall-użu tal-ħati, mentri fil-każ tar-reat ta' traffikar teħtieġ il-prova posittiva li l-ħati jkun tassew prokura d-droga, għalkemm jista' jkun hemm atti materjali oħrajn, anke fin-nuqqas tal-pussess tad-droga, li jwasslu sabiex ir-reat ta' traffikar jiġi komplut. Meta jkun hemm il-provvista tad-droga, madankollu, ir-reat ta' pussess aggravat jista' jiġi meqjus bħala mezz għal fini għar-reat ta' traffikar.

Kif ingħad, fil-każ odjern id-difiża qed tikkontesta l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar u per konsegwenza anke t-tieni imputazzjoni ta' pussess aggravat billi tgħid illi dan kien każ ta' traffikar *by sharing.* Jibda biex jingħad illi l-imputat inniffsu stqarr fix-xhieda tiegħu illi f'xi okkażżjonijiet, fix-xahrejn ta' qabel it-tfittxija fil-fond in kwistjoni u l-arrest tiegħu, huwa forna lil terzi bid-droga, b'dan illi skont hu, din id-droga kienet tiġi kkunsmata minnu flimkien mal-istess terzi. Għalhekk, id-difiża qed tinvoka l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Madankollu, fil-fehma tal-Qorti, huwa determinanti l-fatt, ammess mill-imputat fix-xhieda tiegħu, illi huwa kien jirċievi mingħand dawk li magħhom huwa kien allegatament jaqsam din id-droga, il-prezz tad-droga li biha kien ifornihom. Skont l-imputat, ma kienx jagħmel qliegħ, iżda kien jiġbor l-ispejjeż tagħha u għalhekk effettivament, huwa kien jitħallas għad-droga li kien iforni lit-terzi. Dak li l-Qorti trid tqis għalhekk huwa jekk il-fatt illi l-imputat qasam id-droga ma' terzi u tagħha rċieva ħlas jew almenu xi flus, jistax jitqies bħala traffikar *by sharing* in vista ta' dak minnu dikjarat illi din id-droga ġiet ikkunsmata minnu flimkien ma' dawk li lilhom forniha. In sostenn tas-sottomissjonijiet minnha magħmula, id-difiża tagħmel referenza għas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dominic Giannakoudakis**, liema każ ġie deċiż minn din il-Qorti kif presjeduta fis-27 ta' Settembru 2017.

F'dik is-sentenza din il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea**, deċiża fil-5 ta' Mejju 2008, fejn il-Qorti fliet bir-reqqa l-elementi taċ-ċirkostanza ta' *sharing* kif ikkontemplat fl-ewwel proviso tas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, f'liema sentenza kien ingħad hekk:

*"Is-subartikolu (9) in diżamina jipprovdi li għar-reat, fost oħrajn, ta' bejgħ jew traffikar ta' droga bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inżul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-riżultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-każ ta' tali bejgħ jew traffikar trid dejjem tiġi applikata l-piena ta' priġunerija u ta' multa għall-anqas fil-minimu tagħhom – f'dan il-każ, trattandosi ta' proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur priġunerija u multa ta' Euro 465.87. L-ewwel proviso għal dan is-subartikolu ġie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"***

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-liġi li, apparti konsiderazzjonijiet oħra li l-qorti għandha tiżen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' mediċina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tiġi, jew tkun ġiet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' għall-anqas persuna oħra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiża għalih jiddeċiedi li jaqsamha ma' ħaddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-liġi tagħna min joffri d-droga, li jkollu għall-użu tiegħu, lil ħaddiehor – cioe` jaqsamha ma' ħaddiehor – ikun qiegħed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga għall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok każijiet żgħar u iżolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga għaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors*

*– ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tiġi evitata, għall-anqas għall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' priġunerija b'effett immedjat."*

Din kienet ukoll l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis**, deċiża fid-19 ta' Novembru 2015, fejn f'dak il-każ, l-appellant kien xtara għaxar pilloli *ecstasy* għal sħabu, sabiex jikkunsmawhom ġewwa *party*. B'referenza għall-proviso tal-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, li jadopera l-istess kliem tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101, il-Qorti qalet hekk: *"Illi mid-dicitura tal-ligi allura johrog l-element formali tar-reat u cioe' l-hsieb preordinat maghmul mill-hati illi jikkonsma dik id-droga li ikollu fil-pussess tieghu fl-istess post u fl-istess hin ma' ohrajn, liema intenzjoni tohrog iktar cara mill-qari tat-test ingliz fejn jingħad illi "the offender intended to consume the drug on the spot with others." Dan certament ma jinkludiex dik is-sitwazzjoni allura fejn il-hati ikun akkwista id-droga bl-intenzjoni li igħaddieha lil terzi. Issa l-appellanti ighid hekk fl-istqarrija tiegħu rilaxxjata a tempo vergine u emmnuta mill-Ewwel Qorti u dan meta mistoqsi x'kien ser jagħmel bil-11-il pillola u nofs li instabu fuqu mill-pulizija: "Dawk jiena kont ghadni kif mort nixtrihom ghalija u għal shabi ghal street party li kien hemm Bugibba."*

*Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil sħabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu sħabu stess li indikawlu il-persuna minn għand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn sħabu. Dan għalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bħal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' ħaddiehor. Minn dak li igħid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga għal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn għand sħabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli għalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddieħor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mgħoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruħu fit-tifsira, anke dik komuni, mogħtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oġġett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qiegħed jaqsam dak li għandu hu fil-*

*pussess tiegħu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet Il-Pulizija v. Russell Bugeja u Il-Pulizija v. Marco Galea, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li għalihom tagħmel referenza l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata."*

Fir-rigward tal-każ fil-konfront ta' Giannakoudakis li tagħmel referenza għalih id-difiża fit-trattazzjoni tagħha, din il-Qorti hekk esprimiet il-fehem tagħha dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ li kellha quddiemha:

"*Huwa car mill-provi prodotti u mix-xhieda tal-imputat illi l-istess imputat kien jipprovdi r-raza tal-cannabis lil sħabu. Huwa jsemmi lil Daryl (Zerafa) u lil Albert (Harmer), li t-tnejn instabu fil-pussess tar-raza tal-cannabis fil-jum in kwistjoni. Skont l-imputat u anke skont Harmer fl-ahhar xhieda tieghu (bhala xhud in difeza), huma kienu jpejjpu r-raza tal-cannabis flimkien, bħala grupp u kulħadd kien jaqsam minn dak li jkollu. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, il-Qorti kellha temmen illi l-imputat kien ikun dejjem prezenti meta shabu jpejjpu l-cannabis li kien jipprovdilhom, huwa car kemm mix-xhieda tal-imputat, kif ukoll ta' Harmer illi l-imputat ma kienx jipprovdi lil shabu mid-droga tieghu jew mid-droga li kienet tkun intiza ghalih u jieqaf hemm, ghalkemm huwa kien ukoll joffri mid-droga li kien ikollu hu meta kienu jiltaqghu, kif kienu jaghmlu wkoll l-oħrajn (skont l-imputat u Harmer). Huwa kien jixtri d-droga biex minnha jzomm għalih u jaghti wkoll lil shabu, u fil-fatt kien jaqsamha f'bicciet, izomm parti ghalih, u l-bicciet l-ohrajn igerbibhom fil-foil u jaghtihom lil shabu li kienu jhallsuh ta' sehemhom minnha. Anzi skont Harmer, huwa kien ihallas lill-imputat għal sehmu minn qabel, ghalkemm fil-fehma tal-Qorti, il-mument tal-ħlas mhuwiex tant relevanti, la darba jirrizulta li kien hemm il-hlas. Dan kollu jfisser illi d-droga ma kinitx tkun intiza għall-imputat biss, iżda a priori kienet tkun intiża għal sħabu wkoll u sħabu kienu jakkwistaw ir-raża mingħandu billi jħallsuh tagħha. Il-fatt li l-imputat ma kienx jagħmel qliegħ minn dan il-bejgh ma jnaqqas xejn mir-reat ta' traffikar. Lanqas il-fatt illi sussegwentement, shabu kienu jaqsmu d-droga li jkun ipprovdilhom l-imputat, bejniethom, inkluz mal-imputat, fl-istess post u fl-istess hin, ma jinkwadra r-reat f'wiehed ta' traffikar by sharing. Tant id-droga kienet issir proprjeta` ta' min ikun akkwistaha (u għalhekk ma tibqax tal-imputat) illi apparti li dawn kienu jħallsu lill-imputat għal sehemhom mid-droga, kemm Daryl Zerafa, kif ukoll Harmer instabu fil-pussess tar-raża tal-cannabis u Harmer stess jiddeskrivi dak li nstablu bħala l-biċċa tiegħu, apparti li kemm l-imputat kif ukoll Harmer jgħidu illi r-raża li nstabet fil-pussess ta' Harmer kienet ġiet provduta lilu mill-imputat xi ġimgħa qabel, li l-istess Harmer żammha u mbagħad reġa' ħadha miegħu meta ltaqgħu, biex ikompli jpejjep minnha, flimkien ma' sħabu. Il-fatt li kienu jiltaqgħu u jaqsmu r-raża bejniethom ma jfissirx illi l-imputat għandu jinstab ħati biss ta'*

*traffikar by sharing, fir-rigward ta' dik ir-raża li nstabet fil-pussess ta' Zerafa u Harmer, u dan għaliex ma kienx il-każ li din kienet id-droga tiegħu, intiża għalih u li huwa qasam mid-droga li kellu għalih, magħhom, iżda huwa kien jipprovdilhom id-droga u huma kienu jħallsuh tagħha. Id-droga kienet tkun intiża għal Harmer u għal Zerafa, li żgur fil-każ ta' Harmer, kien jiddeċiedi huwa stess, li jaqsamha mal-bqija tal-grupp, inkluż mal-imputat, fil-mument li jkun qiegħed jikkunsmaha huwa stess. Semmai f'dawn iċ-ċirkostanzi r-reat ta' traffikar by sharing kien jinkwadra fl-azzjoni ta' Harmer u Zerafa (kemm il-darba huwa wkoll kien jaqsam mid-droga tiegħu ma' sħabu, kif jgħidu l-imputat u Harmer, għaliex Zerafa baqa' ma xhedx f'dawn il-proċeduri), izda mhux fl-azzjoni tal-imputat li kien iforni lil Harmer u lil Zerafa b'din id-droga. Fil-fehma tal-Qorti teżisti distinzjoni ċara bejn dawn iċ-ċirkostanzi appena msemmija u dawk fejn l-imputat kien joffri mir-raża tiegħu stess lil sħabu, membri l-oħrajn tal-grupp, fejn allura kien jinkwadra r-reat ta' trafficking by sharing da parti tal-imputat...*"

Issa dwar il-każ odjern, applikati dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ, id-difiża tikkontendi illi ma tirriżultax prova fl-atti illi l-imputat kien jakkwista d-droga bil-ħsieb *a priori* li jagħti minnha lil sħabu u għalhekk skont id-difiża, kuntrarjament għal każijiet fuq ċitati, ma kienx il-każ illi l-imputat kien qed jakkwista d-droga għal ħaddieħor. Dwar dan, apparti illi skont l-imputat huwa akkwista u qasam id-droga ma' sħabu f'iżjed minn okkażżjoni waħda u in oltre, skont il-verżjoni tiegħu, kien dejjem hu li jakkwista d-droga, li mbagħad skont hu, kienet tiġi kkunsmata minnu u minn sħabu fl-istess post u fl-istess ħin, jirriżulta ċar ukoll illi l-imputat rċieva ħlas għad-droga li huwa forna lil ħaddieħor. Din waħedha hija diġa` kunsiderazzjoni suffiċjenti sabiex jiġi eliminat kull dubju illi l-imputat huwa ħati ta' traffikar u li n-natura ta' tali traffikar ma kinitx dik ta' *sharing.* Huwa evidenti illi f'kull każ, il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti jiddependu miċ-ċirkostanzi riżultanti mill-atti u bl-istess mod, il-kunsiderazzjonijiet tagħha fil-każ ta' Giannakoudakis kienu diretti lejn iċ-ċirkostanzi u l-provi li kellha quddiemha hemmhekk. F'dan il-każ, huwa evidenti illi anke jekk l-imputat kien qed jaqsam mid-droga li kellu fil-pussess tiegħu ma' sħabu fl-istess post u fl-istess ħin, huwa kien qed jesiġi l-ħlas għad-droga li huwa kien qed jipprokura u għalhekk ma jistax jingħad illi dan kien sempliċiment każ ta' persuna li kienet qed taqsam minn dak li kellha fil-pussess tagħha ma' ħaddieħor. Jekk l-imputat kienx jagħmel qliegħ jew le, ftit li xejn jista' jkun relevanti fil-fehma tal-Qorti għal fini ta' sejbien ta' ħtija. Li wieħed jaqsam minn dak li jkollu fil-pussess tiegħu u b'hekk jinstab ħati ta' *sharing* ma jfissirx illi huwa jitħallas ta' dak li jkun qed jipprokura għaliex f'din l-ipoteżi s-*sharing* jispiċċa u jiffigura r-reat ta' traffikar pur u sempliċi. Mill-provi jirriżulta illi f'aktar minn okkażżjoni waħda fix-xahrejn ta' qabel id-data msemmija fil-komparrixi, huwa kien provda d-droga lil ħaddieħor versu korrispettiv. Fi kliem

ieħor, anke li kieku l-imputat kien ikkunsma minn din id-droga fl-istess waqt flimkien ma' ħaddieħor fil-ħanut tiegħu, il-fatt li huwa rċieva kunsiderazzjoni monetarja għall-istess droga ma jistax jitqies għajr bejgħ, ossia traffikar, ta' dik l-istess droga.

Għadaqstant, il-Qorti qed tqis illi l-ewwel imputazzjoni ġiet ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi. Tqis in oltre illi anke t-tieni imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata u dan kemm in kwantu d-droga li huwa pprokura lil terzi fil-ħanut tiegħu fix-xahrejn qabel l-arrest tiegħu (l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu għat-tliet xhur ta' qabel it-8 ta' Mejju 2011), kif ukoll in kwantu d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu fil-jum in kwistjoni u dan la darba b'ammissjoni tiegħu stess, huwa kien jagħti, bi ħlas, mid-droga li jkollu fil-pussess tiegħu lil terzi persuni.

Irid jingħad ukoll illi d-differenza bejn traffikar u traffikar '*by sharing*' m'hijiex ħlief li l-Qorti għandha s-setgħa, fid-diskrezzjoni tagħha, li wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha msemmija fil-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, teroga piena li ma tkunx piena karċerarja, liema piena hija altrimenti tassativa. It-tieni proviso tal-istess artikolu, madankollu, jispeċifika wkoll illi "*Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju <u>għal darba waħda biss</u> mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jiġu minnufih qabel dan*." [sottolinear tal-Qorti]

Dwar dan, il-Qorti tinnota u dan biss għal fini ta' kompletezza, illi fi kwalunkwe każ l-imputat ma jistax jibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' dan il-proviso għaliex kif jirriżulta mill-atti, permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, tat-22 ta' Marzu 2010, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Sp Josric Mifsud) vs Ivan Camilleri'[4], l-imputat diġa` nstab ħati ta' traffikar u pussess aggravat *by sharing* u għalhekk f'dan il-każ, anke li kieku għall-grazzja tal-argument biss, laqgħet it-teżi tad-difiża, il-Qorti kienet tkun xorta waħda kostretta li tapplika piena ta' priġunerija tassattiva.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ossia dik li tikkontempla l-pussess sempliċi tad-droga kokaina, il-Qorti m'għandhiex x'iżżid ħlief li din tirriżulta ppruvata, iżda ser tiġi meqjusa bħala assorbita fit-tieni imputazzjoni.

Dwar l-aggravju tad-distanza, kif ikkontemplat fl-imputazzjoni (d), jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2012 illi d-difiża ddikjarat illi ma kinitx ser tikkontesta l-fatt illi "*jekk kien hemm traffikar tad-droga dan kien f'anqas minn mitt metru boghod minn post ffrekwentat miz-zghazagh u ghalhekk m'hemmx il-*

[4] Ara vera kopja ta' din is-sentenza esebita a fol. 13 sa 16 tal-proċess.

*htiega ta' nomina ta' espert.*"[5] La darba l-atti kommessi mill-imputat u li tagħhom qed jinstab ħati, seħħew ġewwa klabb tal-futbol, m'hemmx dubju illi dan l-aggravju jirriżulta sodisfaċentement ippruvat.

Finalment, l-imputat jinsab akkużat ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' żewġ sentenzi – waħda mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. L. Quintano tat-22 ta' Marzu 2010 u oħra mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit tat-2 ta' Frar 2011. Kopja uffiċjali ta' din l-aħħar sentenza baqgħet ma ġietx esebita fl-atti mill-Prosekuzzjoni u għalhekk in kwantu din l-imputazzjoni tirreferi għal din is-sentenza, din ma tirriżultax ippruvata. Madankollu, kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Sp Josric Mifsud) vs Ivan Camilleri' mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. L. Quintano tat-22 ta' Marzu 2010, mil-liema sentenza jirriżulta illi l-konnotati u n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern. Għalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza tirreferi proprju għall-imputat odjern. Skont l-istess sentenza, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, il-Qorti lliberat lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet snin minn dakinhar tal-istess sentenza, li jfisser illi r-reati tal-lum ġew kommessi minnu proprju fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi in kwantu din l-imputazzjoni (e) tirreferi għas-sentenza appena msemmija, din tirriżulta ppruvata u kwindi l-Qorti ser titratta mal-ħati dwar ir-reati li tagħhom kien instab ħati permezz ta' dik l-istess sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Mejju 2018. Mill-istess fedina penali jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' sewqan traskurat u perikoluż, ta' ħsara involontarja u talli nvolontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi, talli ddenunzja reat li kien jaf li ma sarx, reati kontravvenzjonali u ħsara volontarja, traffikar u pussess aggravat ta' droga, kif ukoll kompliċita` fl-għoti ta' dikjarazzjonijiet jew ċertifikati foloz u bir-reati ai termini tal-artikoli 121A(1) u 186 tal-Kodiċi Kriminali. Dwar dawn, l-imputat ingħata liberazzjoni kondizzjonata tliet darbiet u ġie kkundannat għal piena pekunjarja. Tqis ukoll illi mill-fedina penali aġġornata, jirriżulta illi l-aħħar reat li kkommetta l-imputat jirrisali għas-sena 2008.

---

[5] A fol. 17 tal-proċess.

Tqis ukoll ċ-ċirkostanzi tal-każ, in-natura tal-imputazzjonijiet li tagħhom qed jinstab ħati, kif ukoll l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-istess imputat. In oltre ikkunsidrat illi stante illi l-imputat qed jinstab ħati wkoll tal-aggravju tad-distanza, il-piena dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet tiżdied bi grad ai termini tal-proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

In oltre għal fini ta' piena, qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet u għalhekk qegħda teroga piena biss fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Dwar l-imputazzjoni (e) u sabiex titratti mal-imputat dwar ir-reati li tagħhom kien instab ħati permezz tas-sentenza tat-22 ta' Marzu 2010, tqis illi permezz tal-istess sentenza l-imputat kien instab ħati ta' traffikar u pussess aggravat tad-droga kokaina, kif ukoll pussess sempliċi tal-istess. Jirriżulta illi f'dak il-każ, il-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat illi l-każ kien wieħed ta' traffikar *by sharing* u għalhekk il-Qorti applikat il-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 9 u lliberat lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor għall-perjodu ta' tliet snin. Għal fini ta' piena, il-Qorti kienet qieset ukoll illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kienu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Sabiex titratta mal-imputat dwar dawn ir-reati, din il-Qorti qegħda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kap. 9 u qed tqis ukoll illi dan il-każ kien jirrisali għas-sena 2005.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjara 101.02, kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat mhux ħati ta' dik il-parti tal-imputazzjoni (e) li tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit tat-2 ta' Frar 2011 u qed tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (ċ), (d) u (e), iżda dwar l-aħħar imputazzjoni biss in kwantu din tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. L. Quintano tat-22 ta' Marzu 2010 u qed tikkundannah fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a), (b), (ċ) u (d) għall-piena ta' **tmien xhur priġunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt ewro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (e), il-Qorti qegħda titratta mal-ħati dwar ir-reati li tagħhom kien instab ħati permezz tas-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu minn din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. L. Quintano nhar it-22 ta' Marzu 2010 daqs li kieku għadu kemm instab ħati dwar l-istess reati minn jew quddiem din il-Qorti u fil-waqt illi għal kull buon fini tikkonferma tali ħtija, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(b), (f) u (h) tal-Kap. 9, qed tikkundannah għall-piena ta' **tliet xhur priġunerija effettiva** u **multa ta' ħames mitt ewro (€500)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, jistgħu jitħallsu mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Għalhekk, b'kollox l-imputat qed jiġi kkundannat għall-piena ta' ħdax-il xahar priġunerija effettiva u multa ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400).

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, fis-somma ta' mija, wieħed u sebgħin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€171.34), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien xahrejn mil-lum.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga li tinsab esebita fl-atti bħala Dokument VA 2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat